# SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 3** **SOCIAL STUDIES** **TIME: 1hr 30mins**

Isem: ___________________________________ Klassi: _________________

**A Imla' l-vojt b'dawn il-kliem:**

Iċ-ċittadini prodott relazzjoni konsumatur Maltija
Soċjeta' Il-valuri l-eżerċizzju Is-saħħa L-identita'

1. _______________flimkien jissejħu poplu u jgħixu flimkien bħala______________.
2. _______________ nħarsuha billi nieklu ikel sustanjuż u nagħmlu ___________________.
3. ________________ tagħna hija_________________ għax twelidna Malta.
4. ________________ ta' l-imħabba u rispett jgħinuna fir-__________________ ta' bejnietna.
5. Dak li jixtri jissejjaħ _________________ u jrid jitgħallem jagħżel bejn ________________ tajjeb jew ħażin.

**(1x10=10)**

**B. Is-soċjeta' nibnuha aħna billi noħolqu mezzi biex jgħinuna ħalli ngħixu flimkien u nibnu relazzjonijiet bejnietna għall-ġid tagħna lkoll**

**Għaqqad flimkien billi tpoġġi numru fil-kaxxa:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. Il-qrati | | | tgħallimna l-valuri ta' l-imħabba u rispett. |
| 2. Il-politika | | | trabbina u tedukana |
| 3. Il-knisja | | | iħaddem il-liġijiet għall-ġid tal-pajjiż. |
| 4. Il-familja | | | jagħmlu ħaqq ma' min jikser il-liġi. |
| 5. Il-gvern | | | tgħinna biex nagħżlu lil min imexxi lil pajjiżna. |

**(1x5=5)**

**C. Għid x'differenza hemm bejn dawn billi titkeb sentenza:**

1. ħin liberu: ________________________________________________
2. ħin moħli ________________________________________________
3. ħabib/a veru/a________________________________________________
4. ħabib/a tal-bżonn ________________________________________________
5. mediċina ________________________________________________
6. droga ________________________________________________
7. refuġjat ________________________________________________
8. turist ________________________________________________

9. karta ta' identita' ______________________________

10. passaport ______________________________

**(1x10=10)**

**D. Is-saħħa hija l-isbaħ ħaġa li għandna. Is-saħħa mentali, jew tal-moħħ, inħarsuha billi nedukaw ruħna u nitgħallmu, waqt li s-saħħa fiżika niżviluppawha bl-eżerċizzju u billi nieklu ikel sustanzjuż. Imbagħad hemm is-saħħa morali, dik li permezz tagħha nibnu karattru sod u nibnu relazzjonijiet tajbin ma' dawk ta' madwarna. Permezz tas-saħħa morali nkunu nistgħu ngħidu "le" għan-negattiv għax dak hu ta' ħsara għalina, u ngħidu "iva" għal dak kollu li jagħmel il-ġid lilna lkoll.**

**Ikteb dawn il-kliem fil-kolonna li taqbel għalihom:**

nikteb eżerċizzju għażla tajba naħseb logħob valuri
nifhem ġiri nirraġuna reliġjon ikel nitgħallmu
karattru ndafa rieda soda

| Saħħa Mentali | Saħħa Fiżika | Saħħa Morali |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

**(1x15=15)**

**E. Id-dmirijiet tagħna ifakkruna f'dak li għandna nagħmlu b'rispett lejn iċ-ċittadini l-oħra fis-soċjeta'. Kompli dawn is-sentenzi billi ssemmi xi dmir li għandna u x'ġid jinħoloq meta nagħmluh.**

1. Bħala membri fil-familja għandna d-dmir ______________________________

2. Bħala studenti għandna d-dmir ______________________________

3. Bħala konsumaturi jew xerrejja għandna d-dmir ______________________________

4. Bħala ċittadini Maltin għandna d-dmir ______________________________

5. Bħala ċittadini tad-dinja għandna d-dmir ______________________________

**(2x5=10)**

**F. <u>Il-mezzi ta' komunikazzjoni :</u>**




| |
|---|
| Mhux dejjem faċli nifirdu l-fatti mill-opinjoni. |

**Fatt jew opinjoni? Ħares lejn dawn l-espressjonijiet u ikteb "V" jekk huwa fatt veru jew "O" jekk hi opinjoni.**

1. L-exost li joħrog mill-karozzi huwa velenuż u ħażin għal saħħitna. _________
2. L-għajnuna ta' bejnietna hi bżonnjuża għax ilkoll niddependu minn xulxin. _________
3. Jogħġbuni ħafna il-films ta' l-avventura. _________
4. Il-faqar huwa problema kbira fil-pajjiżi tat-tielet dinja. _________
5. It-Tempji Neolitiċi huma teżor ta' l-Istorja tagħna l-Maltin u għandna nħarsuhom. _______
6. Naħseb li għandna mmorru nixtru kull nhar ta' Sibt. _________
7. Inħobb nara t-televiżjoni iżjed milli nisma' r-radju. _________
8. L-għasafar huma sbieħ meta jittajru ħielsa u mhux f'gaġġa jew ibbalzmati. _________
9. Kulħadd imissu jitgħallem il-kompjuter. _________
10. Ikun jaqblilna jekk nirkbu l-karozza tal-linja. _________

**(1x10=10)**

**Ġ. Dawn l-espressjonijiet nisimgħuhom meta nibnu relazzjonijiet bejnietna u naqsmu l-idejat u l-opinjonijiet ta' bejnietna. Agħti t-tifsira tagħhom.**

1. Stajt kont int: ____________________________________________

____________________________________________

2. Kull deni ħudu b'ġid: ____________________________________________

____________________________________________

3. Fl-għaqda hemm is-saħħa: ____________________________________________

____________________________________________

4. Kull dritt għandu dmir: ____________________________________________

____________________________________________

5. F'baħar wieħed qegħdin: ____________________________________________

____________________________________________

**(2x5=10)**

**G. It-teknoloġija, jew l-użu tal-magni f'ħajjitna, ġabet magħha kemm vantaġġi u ġid, kif ukoll żvantaġġi jew ħsara. Semmi**

| | **Vantaġġ** | **Żvantaġġ** |
|---|---|---|
| 1. it-televiżjoni | ______________________ | ________________________ |
| 2. il-karozza | ______________________ | ________________________ |
| 3. il-mobile phone | ______________________ | ________________________ |
| 4. il-magni | ______________________ | ________________________ |
| 5. l-elettriku | ______________________ | ________________________ |

**(1/2 x10=5)**

**GĦ. It-tipjip, l-alkoħol u d-drogi jagħmlu ħsara lill-ġisem kollu. Ikteb ħames sentenzi dwar l-effetti negattivi ta' l-abbużi minn dawn is-sustanzi. L-istampa tgħinek.**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(2x5=10)**




**H. Ikteb madwar 200 kelma fuq WIEĦED minn dawn:**

1. Semmi tliet dmirijiet li għandna bħala ċittadini Maltin biex nuru rispett lejn iċ-ċittadini l-oħra u lejn pajjiżna.

2. Huwa fqir mhux biss min m'għandux flus imma wkoll min għandu xi problemi oħra fis-soċjeta'. Semmi tlieta minn dawn in-nies li huma fil-bżonn ta' l-għajnuna tagħna fis-soċjeta', u kif aħna nistgħu ngħinuhom.

3. Xogħol ta' l-id jew xogħol tal-pinna? It-tnejn hemm bżonnhom fis-soċjeta'. Tkellem fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tat-tnejn.

4. Semmi tliet punti li jrid iżomm f'moħħu/ha kull konsumatur meta jmur/tmur tixtri.

5. L-għasafar jittajru ħielsa fl-ajru, il-ħdura tal-kampanja u l-baħar, l-Istorja tagħna l-Maltin minn żmien it-Tempji. Dawn kollha huma parti mill-kultura tagħna. Tkellem dwar il-kultura tagħna l-Maltin.

6. Ħrigt xi ħarġa, għamilt xi proġett, jew ħadt sehem f'xi attivita' ta' l-iskola? Tkellem fuqha u għid x'tgħallimt minnha. **(15)**